DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2011

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" għas-sena finanzjarja 2009

(2011/613/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" għas-sena finanzjarja 2009,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ([1]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2011 (05894/2011 — C7-0051/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta "Clean Sky" ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanazjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0128/2011),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta "Clean Sky" għas-sena finanzjarja 2009;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta "Clean Sky", lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Jerzy BUZEK

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

([1]) ĠU C 342, 16.12.2010, p. 7.
([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1
([3]) ĠU L 30, 4.2.2008, p. 1.
([4]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.